**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 366/2017NL**

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali bhala Registratur, Qrati u Tribunali Civili**

**vs**

**Donna Cooke**

Illum 15 ta' Gunju 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tad-Direttur rikorrent fejn talab li din il-Qorti ssib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-Awtorita' taghha ai termini tal-artikolu 977 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannaha ghal peini indikati ta' mhux inqas minn €233 u mhux aktar minn €2,330, u timponi kwalunkwe ordni ohra mehtiega fuq l-intimata ai termini tal-istess artikolu 997(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet at' Malta, bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta ta' l-intimata Donna Cooke fejn eccepiet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu fil-mertu, ma jezistux l-estremi li ghandhom iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' disprezz fil-konfront tal-Onorabbli Qorti; u f'kull kaz l-intimata qatt ma kellha xi intenzjoni li turi xi forma ta' disprezz lejn l-Onorabbli Qorti.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt udjenza tat-22 ta' Ottubru 2019, il-kawza thalliet ghall-provi tal-intimata.[2]

Rat illi saru tentattivi sabiex issir komunikazzjoni mal-intimata, izda dawn irrizultaw fin-negattiv.

Rat li b'digriet tat-30 ta' April 2021, din il-kawza thalliet ghas-sentenza *in difetto ostacolo.*

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

---

[1] Folio XX ta' l-atti processwali
[2] Folio 39 ta' l-atti processwali

**Fatti fil-Qosor**

Il-Qorti rat ix-xhieda moghtija minn Alfred Buhagiar, li kien ghamel ittra ufficjali ezekuttiva fil-konfront ta' certu Stephen Raymond Cooke, evidentement imparentat mal-intimata. Fix-xhieda tieghu, Mario Genuis, marrixxall tal-Qorti, spjega kif dakinhar li huwa ma biex jezegwixxi l-mandat ta' qbid bin-numru 2636/15 huwa sab lill-intimata li rrezistiet l-ezekuzzjoni tal-istess mandat, u ma hallietux jaqdi dmirijietu. Skond ix-xhud Genuis, huwa spjegalha ghalfejn kienu hemm u li avolja zewgha ma kienx hemm, kellhom l-obbligu li jidhlu u jezegwixxu l-mandat ta' qbid[3]. Ix-xhud jikkonferma li l-mandat ta' qbid kien wiehed "*minghajr elevazzjoni*" u ghalhekk kien intiz biss biex jelenka l-oggetti.[4] Jirrizulta wkoll li anke dakinharli hareg l-ordni ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta, l-intenzjoni tal-marixxalli kien li jigi ezegwit il-mandat izda minghajr elevazzjoni u li dan kien gie spjegat lill-intimata Cooke.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza hija msejsa fuq l-artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> ***997.*** *(1) Fi proċedimenti istitwiti għal xi att jew ommissjoni li tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-qorti, il-ħati jista', malkundanna, jiġi kkundannat għal priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) iżda mhux iktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew għall-multa u l-priġunerija flimkien.*
>
> *(2) Il-qorti tista', ukoll jekk tkun tat xi piena lil min jagħmel irreat, tordnalu t-tneħħija ta' kull diżordni jew inkonvenjent li bih ikun sar ir-reat fi żmien*

[3] Fol. 35 tal-process.
[4] Fol. 36 tal-process

*biżżejjed għal dan il-għan iżda f'ebda każ iktar minn tliet xhur mid-data tas-sentenza, li tiġi stabbilita mill-qorti; u jekk min jagħmel ir-reat jonqos milli jħares xi ordni bħal dak fiż-żmien hekk stabbilit, hu jeħel penali ta' ammenda ta' mhux inqas minn tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (23.29) u mhux iktar minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) kif il-qorti tistabbilixxi, għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien imsemmi.*

Illi mill-provi mhux kontestati jirrizulta li l-marixxall tal-Qorti kien spjega lill-intimata Donna Cooke dwar dak li kellhom dmir u dritt li jaghmlu fil-proprjeta' fi Triq id-Duluri, Hamrun. Minkejja dan, jirrizulta li l-intimata rrezistiet l-ezekuzzjoni tal-mandat, u ghalhekk il-marixxall, dakinhar, ma setghax ikompli b'hidmietu. Il-marixxall irrapporta dan l-incident lill-Qorti b'nota tal-21 ta' Dicembru 2015 u fl-istess jum, din il-Qorti diversament ippresjeduta ordnat li jittiehdu proceduri ta' disprezz kontra Donna Cooke, ordnat li jsir tentattiv iehor ta' ezekuzzjoni bl-assistenza tal-pulizija, u ordnat komunika ta' dak id-digriet lir-Registratur sabiex jiehu l-pass li hemm bzonn.

In kwantu l-marixxall kien qed jezegwixxi ordni tal-Qorti ossija dik mertu tal-mandat ta' qbid numru 2636/15[5], l-agir tal-intimata seta' jigi spjegat biss bhala disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u ghalhekk, f'dan ir-rigward, it-talba tad-Direttur rikorrent hija gustifikata.

Ghall-finijiet tal-multa li ghandha tigi inflitta, din il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-mandat kien wiehed minghajr elevazzjoni, u li fit-tentattiv ta' wara, il-mandat gie ezegwit minghajr ebda incident u li sar elenku ta' diversi oggetti li nstabu fil-fond.

[5] Allegat mal-kawza odjerna

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi t-talbiet tad-Direttur rikorrent billi:

1. Issib lill-intimata hatja ta' disprezz kontra l-awtorita' tal-Qorti ai termini tal-artikolu 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimata ghall-multa fis-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250);

3. Stante li bir-reat kommess ma jirrizultax mill-atti li saret xi haga li kkawzat dizordni jew inkonvenjent, din il-Qorti ma tarax li hemm lok li jigi ordnat rimedju taht il-kappa tal-Artikolu 997 (2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimata.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**